MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2015

Numru. 14/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Salvinu Parnis**
**Crispino Parnis**

Numru: 14/2014

Illum 4 ta' Marzu 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Salvinu Parmis**, ta' wiehed u hamsin (51) sena, iben Paul u Mary neé Farrugia, imwieled ir-Rabat, Ghawdex, nhar it-2 ta' Awwissu 1962, residenti fil-fond numru 98, Triq l-Arcisqof Pietru Pace, Rabat, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 36462(G)

u

**Crispino Parnis**, ta' hamsin (50) sena, iben Paul u Mary neé Farrugia, imwieled ir-Rabat, Ghawdex, nhar il-11 ta' Novembru 1963 u residenti 'Madonnina', Triq Karolina Cauchi, Rabat, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 48363(G)

akkuzati talli nhar it-13 ta' Dicembru 2013 gewwa l-inhawi maghrufa bhala l-Qasam ta' Sannat, bejn ix-Xewkija u Sannat, Ghawdex u f'postijiet ohra gewwa dawn il-Gzejjer, hekk ghall-habta tad-disgha neqsin ghoxrin ta' filghodu (08.40hrs):

1. minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Michael Grima liema offiza hija ta' natura gravi hekk kif gie ccertifikat minn Dr. Galea MD tal-Isptar Generali ta' Ghawdex;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi hebbew kontra l-persuna ta' Michael Grima sabiex jingurjawh, idejquh jew jaghmlu hsara lill-imsemmija persuna;

3. hebbew ghall-persuna ta' Michael Grima b'oggett iebes;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament kisru l-bon-ordni b'ghajjat u glied.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tapplika wkoll l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' tal-vittma u l-familja tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 86) datata 23 ta' Frar 2015 li permezz taghha baghat lill-imputati biex jigu ggudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

a. fl-Artikoli 214, 215, u 221 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. fl-Artikolu 339(1)(d) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. fl-Artikolu 339(1)(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. fl-Artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. fl-Artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. fl-Artikoli 383, 384, 385, 386, 387, u 412C tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tallum, gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-23 ta' Frar 2015 (*a fol.* 86), f'liema seduta l-imputati iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lil uhud mix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni.

Semghet, fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2014 (*a fol.* 68 u 69), lill-imputati jobbligaw ruhhom li bl-ebda ma kienu ser idejqu, jimmolestaw jew ikellmu lill-kwerelant.

Semghet, fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2014 (*a fol.* 68 u 69), lill-kwerelant jirrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-imputati u semghetu wkoll jiddikjara li kien qed jaghzel li ma jixhidx *stante* li kellu pendenti kontra tieghu proceduri kriminali li jitrattaw l-incident li jsir riferenza ghalih fl-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputati u b'hekk setgha jinkrimina ruhu.

Semghet lill-Prosekuzzjoni u lill-kwerelanti jiddikjaraw li ma kellhomx aktar provi xi jressqu f'dan il-kaz.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx u anqas ressaq ebda provi.

**Ikkunsidrat**

Illi, in segwitu ta' dak li gie dikjarat fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2014 mill-kwerelant u tenut kont tal-atti processwali kollha ta' dan il-kaz, il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li l-ewwel (1) u r-raba' (4) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputati ma gewx sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputati ser jigu liberati minnhom. Fir-rigward tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni, il-Qorti ser tiddikjara l-procediment

ezawriet fil-konfront taghhom *stante* rinunzja da parte tal-kwerelant.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li fir-rigward tal-ewwel (1) u r-raba' (4) imputazzjoni, fuq nuqqas ta' provi, tillibera lill-imputati minnhom, fir-rigward tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni tiddikjara l-procediment ezawriet *stante* rinunzja.

In segwitu ta' dak dikjarat mill-kwerelant, fejn saret rinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-imputati, il-Qorti ma tarax raguni valida ghala ghandha tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni f'dan is-sens.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------